MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2004

Appell Civili Numru. 2399/1997/1

**Design Elements Limited**

**vs**

**Michael P. Camilleri f'isimu proprju kif ukoll ghan-nom tad-ditta Camilleri Bros. u b'digriet tat-18 ta' Novembru 1999 il-kelma "isimu" giet mibdula bil-kelma "ismu" u b'digriet tat-13 ta' Marzu, 2000 il-kliem "ghan-nom" ghandhom jigu sostitwiti bil-kliem "ezercenti l-kummerc f'isem"**

**Il-Qorti,**

Fid-19 ta' Dicembru, 2003 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avvizipprezentat mis-socjeta' attrici fid-19 ta' Novembru, 1997 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas lis-socjeta' attrici s-somma komplessiva ta' Lm442.96 (erba' mija u tnejn u erbghin lira Maltin u sitta u disghin centezmu) rapprezentanti in kwantu ghas-somma ta' mitt lira (Lm100) l-bilanc tal-prezz ghall-bejgh ta' oggetti u servizzi in konnessjoni ma' armar ta' Stand fil-"Food and Drink Fair 1995" u in kwantu ghas-somma ta' Lm342.96 (tlett mija u tnejn u erbghin lira Maltija u sitta u disghin centezmu) l-prezz ghall-bejgh ta' oggetti u servizzi in konnessjoni ma' armar ta' Stand fil-"Food and Drink Fair 1996".

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-13 ta' Jannar, 1997 u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Michael Camilleri fejn eccepixxa:

Illi fl-ewwel lok, preliminarjament l-azzjoni kif promossa fil-konfront tal-konvenut f'ismu proprju hija nulla u bla effett, u dan stante li l-kelma "isimu" fl-okkju ta' l-avviz numru 2399/97 ma taghmel ebda sens lingwistiku u guridiku bil-konsegwenza li ma hemmx indikazzjoni cara u inekwivokabbli tal-konvenut f'ismu proprju;

Illi fit-tieni lok, preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni kif promossa fil-konfront tal-konvenut "ghan-nom tad-ditta Camilleri Bros." fl-okkju ta' l-avviz numru 2399/97 hija nulla u bla effett, u dan stante li ma hemm l-ebda persuna guridika bl-isem ta' "Camilleri Bros" li taghha l-konvenut huwa rapprezentant legali u guridiku;

Illi ghaldaqstant l-azzjoni in disamine hija fl-intier taghha nulla u bla effett a tenur tad-disposizzjonijiet ta' l-artikoli mija u wiehed u sebghin (171) subartikolu wiehed (1) u sebgha mija disgha u tmenin (789) subartikolu wiehed (1) paragrafi (c) u (d) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kapitolu Tnax (12) ta' l-Edizzjoni

Riveduta tal-Ligijiet ta' Malta, stante li ma hemm l-ebda indikazzjoni cara u nekwivokabbli tal-konvenut.

Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li (kif ser jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza), l-ewwelnett, is-socjeta' attrici qatt ma bieghet xi oggetti lill-konvenut; in oltre, kull pretiza ghal xi soma dovuta bhala servizzi in konnessjoni mal-"Food and Drink Fair 1995" hija preskritta ai termini ta' l-artikolu elfejn mija u disgha u erbghin (2149) subartikolu (a) tal-Kodici Civili [Kapitolu Sittax (16) ta' l-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta' Malta] (il-konvenut qatt ma gie notifikat bl-ittra ufficjali tat-3 ta' Jannar 1997), u fl-ahharnett il-pretensjoni tas-socjeta' attrici ghas-somma ta' Lm342.96,0 jew anqas fuq servizzi in konnessjoni ma' l-"Food and Drink Fair 1996" hija nsostenibbli stante li, b'ammissjoni stess tad-direttur tas-socjeta' attrici Joseph Micallef, dik is-somma kienet ghal kollox esagerata, u fil-fatt qatt ma setghet tissupera l-mitt lira (Lm100) b'konsegwenza li, se mai u minghajr pregudizzju, din il-kawza kellha tigi mressqa quddiem Qorti ohra kompetenti u aktar precizament quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar liema tribunal, fiz-zmien meta giet promossa din l-azzjoni, kellu l-gurisdizzjoni esklussiva li jisma' u jiddeciedi kull pretensjoni bhal dik fil-fattispecie, sa l-ammont ta' mitt lira (Lm100), skond l-artikolu tlieta (3) subartikolu tnejn (2) ta' l-Att V ta' l-1995 (sussegwentement emendat permezz ta' l-Att XII ta' l-1998), issa Kapitolu Tlett Mija u Tmenin (380) ta' l-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta' Malta.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjez kollha in konnessjoni ma' din il-kawza kontra s-socjeta' attrici, li hija ngunta ghas-subizzjoni taghha.
Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi b'digrieti moghtija fit-18 ta' Novembru, 1999 u 13 ta' Marzu, 2000 il-Qorti ordnat korrezzjonijiet fl-okkju biex jirriflettu ahjar l-isem tal-konvenut u d-ditta taht x'hiex jopera kommercjalment.

Rat ukoll in-nota ta' ammissjoni tal-20 ta' Marzu 2000 fejn il-konvenut ammetta illi kellu jhallas mitt lira (Lm100) lis-socjeta' attrici ghas-servizzi moghtija fil-fiera "Food and Drink Fair 1995".

Rat ukoll ir-rikors ta' l-20 ta' Marzu, 2000 fejn il-konvenut talab il-Qorti sabiex tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet preliminari ta' preskrizzjoni.

Rat ukoll in-nota ta' riduzzjoni tal-11 ta' Mejju, 2000 fejn is-socjeta' attrici rriduciet it-talba b'mitt lira (Lm100) wara hlas fil-mori biex il-bilanc dovut ikun ta' tlett mija u tnejn u erbghin lira u sitta u disghin centezmu (Lm342.96).

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-konvenut taht l-isem kummercjali "Firm. Camilleri Brothers" kien ordna s-servizzi tas-socjeta' attrici ghall-esposizzjoni maghmula fil-*"Food and Drink Fairs"* 1995/1996. F'eccezzjoni minnhom il-konvenut ighid illi gie mharrek hazin peress illi d-ditta *"Camilleri Brothers"* ma tezistix u minflok trid tkun "*Firm*. *Camilleri Brothers*". Il-Qorti ssib din l-eccezzjoni bhala wahda frivola.

Il-konvenut jaf sew ghalxiex gie mharrek u taht liema ditta. "*Firm"* mhi xejn hlief il-kelma ingliza ghal kelma 'ditta' li tintuza bil-Malti. Importanti li *"Camilleri Brothers"* mhijiex socjeta' limitata, fejn allura tali zball jista' jaghmel differenza. F'dan il-kaz, billi l-konvenut gie mharrek taht isem id-ditta *"Camilleri Brothers",* minflok *"Firm Camilleri Brothers"*, il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha taghmel xi differenza ghall-istat legali tieghu.

Fil-fatt fil-kawza fl-ismijiet <u>*Carmel Mangion Noe vs Angelo Xuereb Noe*</u> moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' Frar 2000, il-Qorti spjegat li gieli jigri li jkun hemm tibdil

fl-uzu ta’ isem ta’ socjeta’, bdil li tkun normalment prassi jew kumdita’ li ssir bla ebda ntenzjoni hazina. It-tibdil ikun zghir fis-sens li jintuzaw l-abbrevjazzjoni “Ltd.” flok il-kelma “Limited”, jew il-kelma “Bros.” flok il-kelma “Brothers”. Spjegat li fil-prassi lokali jew esteri kummercjali l-kelma “Brothers” bl-abbrevjazzjoni “Bros” fl-ismijiet ta’ ditti u socjetajiet kummercjali jfissru l-istess.

F’din il-kawza l-Qorti wkoll tasal ghall-istess konkluzzjoni. Id-ditta *“Camilleri Brothers”* u *“Firm. Camilleri Brothers”* tfisser l-istess haga. L-importanti hu li l-konvenut jkun jaf ghal xhiex ikun gie mharrek u jkun f’posizzjoni li jwiegeb ghat-talba attrici. Dana kollu gara f’dan il-kaz u l-Qorti ma tara l-ebda pregudizzju ghall-konvenut billi gie mharrek taht l-isem id-ditta *“Camilleri Brothers”* flok *“Firm Camilleri Brothers”* u ghalhekk il-Qorti qieghda tirrespingi l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut.

Ghal dak li jirrigwarda l-meritu rrizulta mill-provi illi s-socjeta’ attrici giet imqabbda mill-konvenut sabiex torganizza stand u esposizzjoni ghal *“Food and Drink Fair”* 1995 u 1996. L-ammont dovut ghal fiera tal-1995 gie debitament imhallas u l-ahhar pagament sar fil-mori ta’ din il-kawza u ghalhekk fadal il-kwistjoni tal-fiera tal-1996 li l-konvenut qieghed ighid li hi esagerata. Il-Qorti rat ix-xhieda moghtija mill-konvenut kif ukoll l-ispjegazzjoni moghtija minn Joseph Micallef ir-rapprezentant tas-socjeta’ attrici. L-aktar dokument importanti fil-vertenza bejn il-partijiet huwa dak esebit a fol 70 li huwa invoice tax-xogholijiet maghmula mis-socjeta’ attrici. L-invoice originarjament uriet ic-cifra ta’ erba’ mija u sitta u ghoxrin lira u hames centezmi (Lm426.05). Sussegwentement wara intervent tal-konvenut gie moghti skont ta’ 30% biex gie jaqra ta’ mitejn u tmienja u disghin lira u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm298.23c). Ma’ din ic-cifra kellha tizdied il-VAT biex finalment ic-cifra mitluba giet tlett mija tnejn u erbghin lira u sitta u disghin centezmu (Lm342.96c), l-ammont indikat fl-avviz.

Il-Qorti jidhrilha illi filwaqt li Micallef ta spjegazzjoni logika ta’ l-items kollha li hemm indikati fl-invoice, rigward il-*melamine panels* jidhrilha illi hemm diskrepanza, fis-sens

li difficli tifhem illi biex tikri l-*melamine panels*, tigi tiswielek daqs kemm tixtrihom. Vera illi s-socjeta' attrici nkludiet fil-prezz ix-xoghol tal-mano d'opera, tat-trasport sabiex il-panels jitqieghdu f'posthom u jigi armat stand, pero' xorta wahda din il-Qorti jidhrilha illi l-panels m'ghandhomx jiswew hames liri u nofs (Lm5.50) –il wahda, daqs li kieku tixtrihom godda. Ghalhekk ic-cifra mitluba ghal dawn il-panels ta' disa' u disghin lira (Lm99) hi pjuttost esagerata. Ghal bqija kif inghad Micallef ta spjegazzjoni logika ta' l-items kollha u wriehom fir-ritratti a fol 93 tal-process. Dawn ir-ritratti juru x-xoghol li esegwiet is-socjeta' attrici li jidher xoghol professjonali, bil-galbu biex johrog stand verament attraenti ghall-klijenti tal-konvenut.

Il-Qorti ma tridx tinsa pero' li mac-cifra originarjament mitluba sar skont ta' 30%. B'dan l-iskont jidhrilha illi gew aggustati d-differenzi li jista jkun hemm bejn il-partijiet u kwalunkwe esagerazzjoni fil-kont originali tnehha biex ic-cifra mitluba tkun aktar realistika ghas-servizz moghti u ghalhekk timmerita konferma. Ghal dawk li huma spejjez, il-Qorti ma jidhirliex li ghandha taghmel xi aggustamenti peress illi l-hlas ta' mitt lira (Lm100) li tkopri l-fiera tal-1995 sar fil-mori ta' din il-kawza.

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi;

Illi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenut f'ismu proprju kif ukoll ezercenti l-kummerc f'isem id-Ditta Camilleri Brothers biex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u tnejn u erbghin lira u sitta u disghin centezmu (Lm342.96) prezz ta' servizzi in konnessjoni ma' armar ta' l-stand tal-*"Food and Drink Fair 1996".*

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tal-prezentata ta' l-avviz kontra l-konvenut."

Il-konvenut jikkuntrasta din is-sentenza b'zewg aggravji esposti f'dawn it-termini:-

1. Il-kawzali tal-bejgh ta' oggetti u tar-rendiment ta' servizzi hekk posta mis-socjeta` attrici preordinatament

ghat-talba taghha ma tinsabx sorretta mill-provi. Konsegwentement l-ewwel Qorti ma messhiex laqghet it-talba kif dedotta u hekk bazata fuq dik il-kawzali.

2. In kwantu l-meritu kien jitratta strettament minn kiri ta' oggetti, trattandosi li ma kienx hemm bejgh, l-iskont li sar mill-fattura originali kien insufficcjenti u ghalhekk l-ewwel Qorti ma kellhiex tikkuntenta ruhha li l-iskont kien, fic-cirkostanzi, gustifikattiv.

Essenzjalment it-twegiba tas-socjeta` appellata hi msejsa fuq il-kontenzjoni illi d-decizjoni appellata hi bazata fuq apprezzament ta' provi u allura din il-Qorti ma kellhiex tiddisturba bla bzonn dan l-istess apprezzament.

Ikun forsi opportun jekk ghal darba ohra, kif gja kellha okkazjoni taghmel f'decizjonijiet ohra, din il-Qorti tirribadixxi certi principji generali li jghoddu qabel ma tinoltra ruhha fl-ezami tal-aggravji u tar-risposta ghalihom.

1. Hu ritwalment rikjest bl-Artikolu 156 (1) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili illi l-oggett u r-raguni tat-talba fic-citazzjoni ghandhom ikunu mfissra car u sewwa u in linea ta' principju dawn ma jistghux jigu mibdula jew aggunti. Tant li jinsab enuncjat f'bosta sentenzi illi l-Qorti ghandha toqghod ghat-talba kif tkun giet imfissra fl-att tac-citazzjoni, u ma tistax tiddeciedi fuq xi dritt iehor li jkun jirrizulta, imma li ma jkunx jidhol sewwa fit-talba kif imfissra fl-att tac-citazzjoni (**Kollez Vol XXXIX pI p243**). Fi kliem iehor il-kawzali tad-domanda hija dik espressa fic-citazzjoni u mhux lecitu li l-kawza tigi maqtugha fuq kawzali differenti minn dik espressa fic-citazzjoni (**Kollez Vol. XXXIV pI p108**).

2. Gie pero` enuncjat ukoll illi f'kaz li mill-fatti tal-kawza tirrizulta kawzali diversa minn dik dedotta fic-citazzjoni il-Qorti hi fakoltizzata li, fejn jokkorrilha, tipprovdi fuq il-meritu in bazi ghall-kriterju ta' ekwipollenza jekk jinstab li hemm ekwivalenza logika u bastanti biex wiehed ma jinkorriex f'nullita` (**Kollez Vol XXIX pII p698**; **Vol XLVIII pII p777**). Dan in omagg ghal dak il-hsieb ispiratur, traccjat f'bosta decizjonijiet, li jevita kemm jista' jkun il-

moltiplikazzjoni u d-dilazzjoni tal-liti u li jiskoragixxi l-formalizmu rigidu li “si attaccava con troppa severita` e poco riguardo agli interessi dei contendenti e dell’ammistrazione della giustizia in generale” (**Kollez Vol XXVI pI p424**). U allura kien sostnut, “nulla osta a che dietro le prove da farsi si dichiari il vero carattere dei rapporti guridici dei contendenti derivanti dai fatti ossia delle operazioni tra loro seguite, nello scopo di provvedere perche restino liquidati, se il caso cosi esigesse per la retta amministrazione della giustizia” (**Kollez Vol X pagna 1**).

3. Aktar fundamentali minn hekk hu l-fatt illi l-Qorti ta’ gurisdizzjoni civili ta’ sede inferjuri mhiex marbuta bil-kawzali ta’ l-avviz. Dan hu dezunt bl-aktar mod car mit-test tal-ligi procedurali kif espress fl-artikolu 213 tal-Kap 12 abbinat ukoll mal-artikolu 171 (1) tal-istess kap. “Trattandosi di domanda introdotta per avviso nella Corte Inferiore la legge e` meno rigorosa quanto alla forma della stessa, che se fosse introdotta in una Corte Superiore” (**Kollez Vol XXIV pI p615**). Ifisser ghalhekk li l-pretensjoni tista’ tkun artikolata bi kwalunkwe forma intelligibbli, “e su tale domanda la Corte proceda “sola facti vertate inspecta”, applicando la legge secondo il fatto provato, malgrado che la domanda medesima non sia stata cosi regolare come avrebbe dovuto essere in un procedimento innanzi una Corte Superiore” (**Kollez Vol XII pagna 316**).

Dan precizat, minn dak li johrog minn ezami tal-atti processwali din il-Qorti ma ssibx illi l-kawzali hi mfissra hazin jew mhiex sorretta mid-dokumenti u mid-dikjarazzjonijiet emanenti mill-provi. Anzi l-Qorti tara li l-oggett u r-raguni tat-talba attrici bazat fuq il-bejgh u servizzi prestati jinsab sufficcjentement spjegat mix-xhieda in kontroezami ta’ Joseph Micallef, rapprezentant tas-socjeta` attrici. Riferibilment ghall-invoice a fol 70 dan ix-xhud jiddikjara dan: “Nispjega illi ghal dak li huwa bejgh nirreferi ghall-oggetti li baqghu f’idejn il-klijent. L-ohrajn li hadna lura nirreferi ghalihom bhala servizzi li wkoll indikati fl-Avviz” (fol 97). In partikolari, hu jispjega li ghas-socjeta` attrici l-“iscanning” tat-tliet “artworks” kienu qed jitqiesu

bejgh illi dawn baqghu ghand il-konvenut mentri b'servizzi ried ifisser il-kiri ta' l-attrezzi u oggetti u x-xoghol impjegat biex jitwaqqaf l-istand ghal Fiera fl-interess tal-konvenut.

F'dawn ic-cirkostanzi ma jistghax allura jinghad illi l-kawzali mhiex sorretta mill-provi. Ankorke, kellu jigi sostenut xort'ohra, hi l-ligi stess li tahseb biex tissupplimenta ghan-nuqqas. Dan billi tipprovdi illi jekk jigi provat jedd iehor ghad li dan il-jedd ma jkunx jidhol sew fit-talba originali, l-qorti xorta wahda ghandha s-setgha tiddeciedi fuq dan il-jedd l-iehor kif ikun gie hekk provat, fuq l-istess citazzjoni (Art 213 Kap 12). Ghaldaqstant ukoll l-ewwel aggravju, kif dedott, ma jistghax jircievi l-approvazzjoni ta' din il-Qorti.

Kwantu ghat-tieni aggravju dan hu wiehed purament ta' kritika tal-apprezzament ta' fatt li sar mill-ewwel Qorti tal-provi migjuba quddiemha. Hi regola tradizzjonali li Qorti tat-tieni grad di solitu ma tiddisturbax dan l-apprezzament ammenokke ma tiskopriex li saret ingustizzja manifesta u li l-gudizzju jwassal ghall-inekwita`.

Fl-opinjoni ta' din il-Qorti, fuq ir-rizultanzi istruttorji mill-gdid ezaminati minnha, jidher li l-ewwel Qorti ivvalutat indistintament il-provi ghall-fini tal-formazzjoni tal-konvinciment taghha, u utilizzat dawk l-istess provi biex minnhom issostni d-dritt u dawk l-elementi favorevoli ghall-parti jew ghall-ohra qabel ma ddeliberat il-gudizzju finali taghha. Il-fatt li sabet u kkonkludiet li s-sottomissjonijiet dedotti mill-konvenut appellant tenut qies tac-cirkostanzi kollha, ma kienux sufficcjentement rafforzanti biex jikkonfutaw il-pretiza tal-parti avversa jew biex jipperswadu li kien jisthoqq tnaqqis ulterjuri tas-somma reklamata, ma jfisserx illi l-apprezzament li sar ghandu, b'daqshekk, jitqies censurabbli jew li l-konkluzjoni milhuqa hi guridikament u logikament vizzjata.

F'dan il-kaz ghalhekk din il-Qorti ma ssibx li jezistu ragunijiet perswazivi biex ticcensura l-ezercizzju li sar mill-Qorti inferjuri tal-poter diskrezzjonali lilha affidat. Konsegwentement, qed tirrespingi anke t-tieni aggravju tal-konvenut appellant.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tichad l-appell interpost u b'hekk tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez anke ta' din l-istanza jigu sopportati mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------